MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-28 ta' April, 2011

Numru. 41/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Lorenza Curmi bint Paul Spiteri u Margaret nee' Muscat, imwielda fit-03 ta' Marzu 1958 u residenti fil-fond Eagle Nest, Triq il-Falkun, Sannat, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 12758(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Lorenza Curmi li giet akkuzata talli nhar is-17 ta' Ottubru 2004 ghal habta tal-12:05hrs fi Triq it-28 ta' April 1688, Sannat, Ghawdex saqet vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBE-203:-

1. saqet l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata.
2. perikoluza
3. aktar tall b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, laqtet u tajjret lil Sabrina Mizzi minn Sannat u involontarjament ikkagunatilha offiza ta' natura gravi skond kif iccertifika Dr. Patrick Sciberras MD ta'l-Isptar Generali ta' Ghawdex.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi.

Rat in-nota ta' riniviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-15 ta' Dicembru 2008.

Semghet illi l-imputata ma kellhiex oggezzjoni illi dana l-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.

Ikkunsidrat;

Illi ma hemmx wisq kontestazzjoni dwar il-fatti ta' dan il-kaz. Jidher illi fil-jum ta' dan l-incident il-minuri Sabrina Mizzi flimkien ma' huha u xi kugini kienu qeghdin jilghabu barra fit-triq vicin ir-residenza tan-nanniet taghhom gewwa s-Sannat. Jidher illi f'dak il-jum huma kienu marru jieklu ghand in-nanniet taghhom u wara l-ikel filwaqt li l-genituri baqghu gewwa, it-tfal hargu jilghabu barra. Huma kienu qeghdin jilghabu fid-drive-in tal-istess residenza izda f'xi hin hargu anke barra fit-triq biex ikunu jistghu jilghabu l-loghba taghhom. Jidher illi f'xi mument it-tifla Sabrina iddecidiet li taqsam it-triq sabiex tmur fuq in-naha l-ohra fejn kien hemm huha. Izda dana ghamlitu habta u sabta minghajr ma qaghdet attenta jekk kienx gej xi traffiku fit-triq f'dak il-mument. Ma hemmx dubbju lanqas illi l-minuri qasmet minn wara vettura li kienet ipparkeggjata mal-bankina. F'dana l-mument kienet ghaddejja l-imputata bil-vettura taghha u hekk kif avvicinat il-post fejn kien hemm dina l-vettura, il-minuri harget tigri minn warajha. L-imputata minnufih ghafset il-brejk u kisret il-vettura lejn il-lemin taghha, izda ghalkemm ghamlet dina l-manuvra

evasiva sieq it-tifla inqabdet taht ir-rota u ghalhekk tkaxkret ghal ftit metri mal-vettura sakemm dina waqfet fejn imbaghad it-tifla instabtet mal-art. F’dana l-incident il-minuri sofriet griehi gravi f’saqajha u f’xi hin kienet anke fil-periklu tal-mewt. Il-minuri ghadha tbati konsegwenzi sal-lum fis-sens illi l-izvilup tal-pala tas-sieq giet effetwata. Kellha bzonn diversi operazzjonijiet u ghada sal-lum ma fieqitx.

Illi min-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali jirrizulta illi lill-imputata qed tigi addebitata r-responsabbilta’ ghal dana s-sinistru stradali billi hija qed tigi akkuzata illi kienet negligenti u traskurata fis-sewqan taghha u anke li saqet b’mod perikoluz tant illi minhabba f’dina n-nuqqas ta’ prudenza fis-sewqan taghha ikkagunat griehi ta’ natura gravi fuq il-minuri Sabrina Mizzi. Il-Qorti ghalhekk trid tezamina jekk l-imputata ghandiex tahti ghal dana l-incident.

Ikkunsidrat:

Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (sede inferjuri per. Imhallef J.Galea Debono) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Robert Brincat deciza fit-22 ta’ Novembru 2007 il-Qorti tkellmet kemm dwar ir-responsabbilta’ tas-sewwieq kif ukoll dwar l-obbligi tal-pedestrian meta huwa jigi biex jaqsam it-triq u stqarret:

“"*Driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment."*
(App. Krim. **"Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud"** [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859)

Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li :-
*"Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih , dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian ."* (App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Alfred Caruana"** [14.5.1955]; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031).

*"Huwa veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali imma biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita' perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw il-velocita' taghhom b' margini sufficienti ta' sikurezza."* (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. George Muscat"** [6.5.1961] Kollez. Vol. XLV p.iv. 947)

Gie ukoll ritenut li "*ghalkemm il-pedestrian ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam.." "Jekk il-pedestrian ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-driver tal-car milli juza dak il-grad ta' 'reasonable care' li tinhtieg. Dana kollu jinghad dejjem sakemm ma tkunx giet mill-pedestrian krejata lid-driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragionevolment possibbli, azzjoni tempestiva evaziva."* (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Formosa"** Kollez. XLIII, p.iv. p.1023). F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha ; eg. *"meta jaqsam f'*

*daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat"* (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Thornton"** Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Cassar Desain**" Kollez. Vol.XLVI . p.iv. p.765)."

Il-Qorti ghaddiet ukoll biex elenkat liema huma dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall-investiment ta' pedestrian. Il-Qorti kompliet:

"Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d'Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta t-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru s-segwenti kondizzjonijiet

a) "*che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;*
*b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;*
*c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente.*'""

Il-Qorti kompliet tghid:

"Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "*Hu dover ta' "driver to see what is in plain view".* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella"** - [10.8.1963] )
u li "*min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed*
*izomm "a proper lookout"* (Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** [17.6.1961] ). "*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate*

*vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."* ("**Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd."** [1968].

Illi mbaghad, anki kieku l-pedestrian forsi ma esploratx sew it-triq qabel kompliet taqsam," (f'dana il-kaz il-vittma kienet mara) "dan ma jezonerax lis-sewwieq mill-obbligi tieghu. Dan ghaliex …. f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal xi tort da parti tal-pedestrian f'dan il-kaz. (Ara Appelli Kriminali: **"Il-Pulizija vs.Gaetano Schembri"** [16.3.1961]; **"Il-Pulizija vs. John Polidano**"[3.11.1963]**"Il-Pulizija vs.Rev.C.Mifsud"** (Kollez. Vol. XXXVIII; iv. p.1131) u ohrajn.). Fi kliem iehor, il-*"contributory negligence*" ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App.Krim." **Il-Pulizija vs P.Vassallo",** [Kollez.Vol.XXXVII,iv.p.883]).

Imbaghad jekk stess kien hemm xi negligenza kontributorja da parti tal-pedestrian, dan seta' biss, ghal massimu, serva ghall-attenwazzjoni fil-piena u xejn aktar."

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi kollha li hemm fl-atti b'mod specjali l-iskizz tal-incident u r-ritratti esebiti mill-espert Max Xuereb. Dana ghaliex minn dawn il-provi dokumentali johrog car id-dinamika ta' kif sehh dana l-incident, li huwa wkoll imbaghad ikkonfortat bix-xhieda moghtija kemm mill-imputata kif ukoll mit-tfal li kienu involuti f'dana l-incident.[1] Illi minn dawn id-dokumenti johorgu is-segwenti fatturi:

1. Id-drive-way u l-bankina fejn kienet tinsab it-tifla qabel l-impatt.
2. Il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBB-797 minn fejn harget taqsam tigri t-tifla.
3. Il-brejk marks tal-vettura tal-imputata.
4. It-trajjetorja li segwiet il-vettura tal-imputata wara l-impatt.

---

[1] Ara skizz a fol.30 u ritratti a fol.75

Illi x-xhieda okulari kollha ghal dan l-incident u cioe' t-tfal u l-imputata kollha ighidu illi t-tifla harget tigri fit-triq minn wara l-vettura EBB-797 li kienet ipparkeggjata dakinhar mal-bankina n-naha tax-xellug tat-triq. Minn dana l-punt jibdew il-brejk marks tal-vettura tal-imputata li jindikaw ghalhekk illi kien ezatt meta l-vettura waslet proprju mal-karozza EBB-797 illi gew applikati l-brejks min-naha tal-imputata. Il-brejk marks ma humiex dritti izda milwija lejn il-lemin tat-triq li jindikaw ghalhekk illi hekk kif applikat il-brejks l-imputata ghamlet manuvra evasiva biex tipprova tevita lit-tifla. It-tul tal-brejk marks jindika wkoll illi l-imputata ma kenitx ghaddejja b'xi speed eccessiv.[2]

Dana kollu jaqbel ma' dak li tixhed l-imputata. Hija ssostni illi daret ghal go Triq 28 ta' April 1688 bil-mod fuq is-second gear. Tghid illi ma kenitx qed issuq b'velocita qawwija. Kif daret ghal go din it-triq hija osservat tifel li kien fuq in-naha tal-lemin tat-triq u kif baqghet issuq iktar 'il quddiem rat gozz tfal fuq in-naha l-ohra tat-triq vicin id-drive-way tad-dar bl-isem Rondinella. Hekk kif waslet biswit il-vettura bin-numru EBB-797 harget it-tifla tigri minn wara l-vettura b'mod illi hija ma kenitx qed tistenna. F'dana l-mument hija ghafset il-brakes u isswervjat lejn il-lemin u fil-fatt hasbet illi skapulata, izda sfortunatament sieq it-tifla inqabdet taht ir-rota u l-minuri sfat imtajra.

Illi t-tfal li kienu involuti dak in-nhar fl-incident ibiddlu xi ftit il-verzjoni ta' dak li sehh mill-ewwel darba li xehdu quddiem l-espert fl-inkjesta Dr. Kevin Mompalao[3] u imbaghad meta jixhdu fil-Qorti. Il-Qorti tistqarr illi l-verzjoni moghtija mit-tfal *a tempo vergine* hija iktar kredibbli u taghmel sens billi huwa ovvju illi bit-trapass taz-zmien (ghaddew 'il fuq minn erba' snin wara) il-memorja taghhom tigi influwenzata minn cirkostanzi ohra u dak illi jistghu jisimghu minn nies adulti fuq l-istess fatti. Illi fi kwlaunkwe kaz kemm Marcus Mizzi kif ukoll Jonathan Mizzi jaqblu illi l-minuri Sabrina qabdet u qasmet minghajr

---

[2] Ara Highway Code regolamenti 281 u 283
[3] Ara rapport a fol.30 et seq. u ix-xhieda ta' Sabrina, Marcus u Jonathan Mizzi a fols.87 et. seq.

ma qaghdet attenta ghat-traffiku li kien hemm fit-triq f'dak il-mument.

Illi l-Highway Code ighallimna illi meta nigu biex naqsmu triq ghandhom jigu imhares is-segwenti regolamenti:

23.*Qabel taqsam, ieqaf qabel ma saqajk iħallu l-bankina, fejn int tkun tista' tara jekk ikun ġej xi ħadd. Tersaqx qrib ħafna tat-traffiku. Jekk m'hemmx bankina jew sidewalk żomm lura mit-tarf tat-triq iżda kun żgur li tista' tara t-traffiku li jkun ġej u li t-traffiku jkun jista' jara lilek*.

24. *Ħares sewwa madwarek u isma'. Il-vetturi jistgħu jiġġu minn kull direzzjoni. Isma' sewwa, għax kultant tista' tisma' t-traffiku qabel ma tarah*.

25. *Jekk tkun ġejja xi vettura, ħalliha tgħaddi. Erġa' ħares madwarek u isma'. Taqsamx qabel ma jkun hemm qtugħ mingħajr periklu fit-traffiku u inti tkun żgur li hemm ħafna ħin. Ftakar, anke jekk vettura għadha 'l bogħod, tista' tkun riesqa b'veloċità kbira*.
26. *Meta ma jkunx hemm periklu, aqsam dritt it-triq, tigrix, tmurx lagenba. Ibqa' hares u issemma' ghat-traffiku waqt lit kun qed taqsam, fil-kaz li jkun hemm xi traffiku li ma tkunx rajtu, jew fil-kaz li jitfaccja xi traffiku ghall-gharrieda*.

Imbaghad ikompli:

33. *Jekk għandek taqsam it-triq minn bejn karozzi pparkjati, uża t-truf ta' barra tal-vetturi daqs li kieku kienu l-kurduna tal-bankina. Ieqaf hemm u kun żgur li tista' tara sewwa madwarek u li t-traffiku jista' jara lilek. Qatt m'għandek taqsam it-triq minn quddiem, jew minn wara, xi vettura bil-magna startjata, speċjalment vettura kbira, għax is-sewwieq ma jkunx jista' jarak*.

53. *Tfal żgħar qatt m'għandhom jiġu fdati waħidhom la fuq il-bankini u l-anqas fit-triq*. …

Illi maghdud dana kollu ghalhekk ma hemmx dubbju illi l-minuri ma osservat l-ebda wahda minn dawn ir-regolamenti u ghalhekk kienet tahti ghal dana s-sinistru

stradali meta qabdet u qasmet bl-addocc f'sitwazzjoni fejn hija thalliet tilghab barra minghajr is-supervizjoni ta' xi adult.

Il-Qorti, madanakollu trid tistharreg jekk fic-cirkostanzi partikolari ta' dana l-kaz setax kien hemm in-negligenza kontributorja da patri tal-imputata. Illi mill-provi akkwisti jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi l-imputata ma kenitx qed issuq b'xi velocita qawwija, izda kienet prudenti fis-sewqan taghha. Illi huwa minnu illi l-imputata hekk kif daret ghal got-triq mal-ewwel osservat illi kien hemm xi tfal jilghabu, izda hija baqghet issuq b'velocita normali u fl-ebda hin ma accellerat. Di piu il-vizwali tal-imputata ghal dana l-gozz tfal li kienu qed jilghabu kienet ostakolata bil-vetturi ipparkeggjati tant illi hija qatt ma setghet tinduna tempestivament bil-movimenti li kienet qed taghmel dina t-tifla sabiex tkun tista tevita l-impatt. Fil-fatt jidher car mill-provi illi l-minuri harrget minn wara l-vettura hekk kif l-imputata waslet proprju maghha tant ghalhekk illi l-minuri bl-agir taghha ikkreat emergenza subitanea li l-imputata bl-ebda mod ma setghet tevita lanqas li kieku applikat il-kura u l-attenzjoni kollha. Il-movimenti tat-tifla kienu mghaggla u inaspettati tant illi l-imputata ma setghet bl-ebda mod tevitaha ghaliex kienet waslet wisq vicin maghha meta t-tifla qabdet u harget minn wara l-vettura bil-giri. L-imputata anzi ippruvat taghmel manuvra evasiva izda kien tard wisq ghax il-minuri kienet wisq vicin il-vettura biex l-imputata tkun tista' tevita l-impatt. L-uniku mod biex jigi evitat is-sinistru kien ikun billi l-imputata hekk kif tasal vicin it-tfal tieqaf hesrem, haga li fis-sewqan qatt ma ssir ghaliex sewwieq prudenti ma jistax biex jevita xi possibilita' ta' sinistru johloq periklu iehor fit-triq ghal sewwieqa ohra billi jabqad u jieqaf. Fuq kollox l-imputata qatt ma setghet tobsor illi dina t-tifla kienet ser taqbad u tohrog tigri minn wara vettura minghajr ma tieqaf u thares.

Illum il-gurnata t-toroq saru piuttost traffikuzi. Illum sfortunatament ma ghadux iz-zmien illi t-tfal jigu fdati jilghabu barra fit-toroq taghna anke jekk dawn ikunu taht is-supervizjoni tal-adulti. It-toroq ma ghadhomx il-playing grounds li kienu zmien ilu. Il-Qorti ma thossx illi fic-cirkostanzi svinturati ta' dana l-kaz ghandha toqghod

tipponta subajgha lejn xi hadd. It-tfal jiehdu azzjonijiet hafna drabi b'mod inaspettat u minghajr ma jahsbu fil-konsegwenzi u dana ghaliex proprju ghadhom tfal u toqghod attent kemm toqghod ghall-agir taghhom, sfortunatament qatt ma hu bizzejjed biex jigu evitati l-incidenti. Il-Qorti ma ghandhiex dubbju illi l-genituri tal-minuri ghandhom f'qalbhom ghozza kbira ghal dina t-tifla u ghalkemm forsi setghu qaghdu aktar attenti li ma jhallux tfal zghar jilghabu wahedhom barra, izda certament qatt ma tista' tipprevedi mija fil-mija dak illi t-tfal jiddeciedu li jaghmlu minghajr hsieb u attenzjoni. Madanakollu min-naha l-ohra l-imputata ma ghandhiex twiegeb ghal konsegwenzi ta' dana s-sinistru stradali u dana billi gie ippruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi hija fl-ebda hin ma kienet imprudenti, negligenti jew traskurata fis-sewqan taghha jew li kienet qieghda ssuq b'mod perikoluz. Hija sabet ruhha quddiem emergenza subitanea imprevedibbli li rrendiet impossibbli, jew mhux ragionevolment possibbli, azzjoni tempestiva evaziva.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputata mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------